**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Mejju 2019**

**Talba Nru: 47/19 CZ**

**Kencar Company Ltd. (C 49828)**

**vs**

**Charles Mizzi (ID 570876 (M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Chamiz Services Ltd. (C 26904)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Marzu 2019 fejn is-socjeta' attrici premettiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta Chamiz Services Limited kienet klijenta ta' Kencar Company Ltd., fejn is-socejta' konvenuta akkwistat servizzi/prodotti minghand Kencar Company Ltd.

2. Illi s-socjeta' konvenuta kienet saret debitrici ta' Kencar Company Ltd. ghall-ammont ta' sitt'elef u hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u tliet centezmi (€6,528.03), rapprezentanti bilanc dovut ghal prodotti u servizzi provduti lis-socjeta' konvenuta, hekk kif jidher minn invoice datata 1 ta' Marzu 2016, kopja ta' liema qed tigi hawn annesa u mmarkata bhala Dok. A.
3. Illi rigward dan id-debitu kienet intbaghtet ittra permezz ta' posta registrata datata 10 t'Awwissu 2018, hawn annessa bhala Dok. B, u sussegwentement giet intavolata ittra ufficcjali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 t'Awwissu 2018, b'numru ta' referenza 2868/2018, u kif ukoll ittra ufficcjali a tenur tal-Artkolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), datata 9 ta' Novembru 2018, b'numru ta' referenza 2316/2018, lis-socjeta' konvenuta, fejn giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut ta' sitt'elef u hames mija u tmeinja u ghoxrin Euro u tliet centezmi (€6,528.03), rapprezentanti bilanc dovut ghal prodotti/servizzi provduti lis-socjeta' konvenuta, piu' l-ispejjez u l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv;
4. Illi f'korrispondenza elettronika mibghuta fit-8 t'Ottubru 2018 Charles Mizzi b'risposta ghall-interpellazzjoni ghall-hlas mibghuta mir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici permezz ta' korrispondenza elettronika mibghuta fl-istess jum, Charles Mizzi jammetti d-debitu dovut u jistqarr li l-ammont dovut kien se jigi mhallasu effettwat skond it-termini maqbula hekk kif mitlub. Tali korispondenza elettronika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bala Dok. C;
5. Illi sad-data ta' dan l-att u nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jithallas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;
6. Ghal kull buon fini qed jigi ddikjarat li l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta huwa dak surriferit ta' sitt elef u hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u tliet centezmi (€6,528.03) izda ghal fini ta' kompentenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal, is-somma dovuta qed tigi limitata ghal hamest'elef Euro (€5,000) flimkien mal-ispejjez u interessi legali sad-dat tal-hlas effettiv.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont ta’ hamest’elef Euro (€5,000).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali surriferiti, datati 27 t’Awwissu 2018, u 9 ta’ Novembru 2018, u l-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzzjoni.

Illi s-socjeta’ konvenuta, debitament notifikata, ma prezentatx risposta.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra l-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2019 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a bazi tas-segwenti:

> L-Av. Mangion u l-Av. Gerada qeghdin jaqblu li l-konvenut ser ihallas is-somma ta' Eur 500 mensili ghal ghaxar xhur u dan b'effett millum stess u kull tmiem jum tax-xhar ghal disgha xhur sussegwenti u cioe` jkun hallas is-somma globali ta' Eur 5000 u dan ghas-saldu ta' kull pretensjoni li ghandha s-socjeta` attrici kontra l-intimati, l-ispejjez ta' bejn il-partijiet ikunu minghajr taxxa.
>
> L-avukati difensuri talbu t-Tribunal sabiex jiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza a bazi tal-ftehim minnhom milhuq illum.

Illi wara dan il-verbal, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-tranzazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċioe il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u dan billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000), li ghandhom jithallsu f'ghaxar pagamenti ugwali mensili ta' hames mitt Euro (€500) kull pagament, li ghandhom jibdew jithallsu b'effett mit-tmienja (8) ta' Mejju 2019, u kull tmin (8) jum tax-xahar ghad-disa' (9) xhur sussegwenti. Ghal din is-somma jew kull bilanc talvolta dovut, ma jiddekorrix imghax. Fl-eventwalita' li wara li jghaddi z-zmien koncess lis-socjeta' konvenuta kif fuq imsemmi, din ma tkunx hallset l-ammont dovut, jew xi parti minnu, jibda jiddekorri fuq il-bilanc talvolta pagabbli l-imghax skond il-ligi. Kwantu ghall-ispejjez u drittijiet ta' din il-kawza, u l-ispejjez mitluba mis-socjeta' attrici fit-talba promotrici, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

Mary Josette Musu

Deputat Registratur